MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-30 ta' April, 2003

Citazzjoni Numru. 2702/1999/1

**Fortunato Pulis u b'digriet tad-9 ta' Ottubru, 2000 Esther Pulis, Miriam Dimech, Rita Spiteri, Lora Bartolo u Josephine Caruana assumew l-atti tal-kawza stante l-mewt ta' Fortunato Pulis**

**Vs**

**Salvatore Hales u b'digriet tat-23 ta' Novembru, 2001 Frances Hales, Joseph Hales, Simone Gauci u Masonia Hales assumew l-atti tal-kawza minflok Salvatore Hales li miet fil-mori tal-kawza.**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha l-attur ippremetta illi huwa s-sid tal-fond 126, Triq il-Kbira, Zejtun,

filwaqt li l-konvenut huwa s-sid tal-fond kontigwu 128, Triq il-Kbira, Zejtun.

Premess illi permezz ta' kuntratt datat 4 ta' Frar, 1976 ippubblikat fl-atti tan-Nutar Carmelo Lia (Dok. A.) l-attur kien ippermetta lill-konvenut jiftah tieqa mill-fond 128, Triq il-Kbira, Zejtun ghal fuq il-gardina tal-fond 126, Triq il-Kbira, Zejtun, u dana merament b'tolleranza.

Premess illi l-konvenut wera dizrispett kbir lejn l-attur matul dawn l-ahhar snin u r-relazzjonijiet ta' bejniethom iddeterjoraw ghall-ahhar.

Premess illi l-attur jixtieq illi din it-tieqa tigi maghluqa mill-konvenut.

Premess illi minkejja li l-konvenut gie interpellat bosta drabi sabiex jaghlaq din it-tieqa, anke permezz ta' ittra ufficjali, hawa baqa' inadempjenti.

Ghaldaqstant l-attur talab lil din il-Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportun:

1. Tordna lill-konvenut sabiex fi zmien qasir u perentorju jaghlaq a spejjez tieghu t-tieqa li mill-fond proprjeta' tieghu 128, Triq il-Kbira, Zejtun, taghti ghal fuq il-gardina tal-fond 126, Triq il-Kbira, Zejtun, proprjeta' tal-attur, u

2. Fin-nuqqas li l-konvenut jonqos milli jaghlaq l-istess tieqa fiz-zmien hekk prefiss, tawtorizza lill-attur sabiex jezegwixxi x-xogholijiet mehtiega huwa stess a spejjez tal-istess konvenut, occorrendo bl-assistenza ta' Perit Arkitett appuntat minn din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra bonarja tal-24 ta' Awissu, 1999 u l-ittra ufficjali tas-6 ta' Ottubru, 1999.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur a fol. 3 tal-process;

Rat in-**nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut** a fol. 12 tal-process fejn eccepixxa:

1. Illi preliminarjament l-ewwel u t-tieni talbiet tal-attur ma jistghux jigu milqugha ghax ma humiex preceduti b'talba dikjaratorja ghall-allegati nuqqasijiet tal-eccipjenti u dan konsegwentement iwassal ghan-nullita' tac-citazzjoni.

2. Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzu t-talbiet tal-attur ma jistghux jigu milqugha u dan billi l-ewwel ma kienx hemm ksur tal-klawsola sitta tal-kuntratt li hija l-kondizzjoni li a bazi taghha l-attur ma jistax iressaq dan u fit-tieni lok l-attur ma jistax iressaq unilateralment u kapriccozament din it-talba ghax huwa reggha bdielu jew ghax darlu semplicement ghax b'tolleranza.

3. B'riserva ta' eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat li l-konvenuti ma ressqux il-provi taghhom ghalkemm inghataw diversi differimenti biex jaghmlu dana;

Rat li ma saret ebda talba ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza;

## KONSIDERAZZJONIJIET

Il-konvenuti ma ressqu ebda provi biex jissostanzjaw l-eccezzjonijiet taghhom.

Illi mill-provi prodotti mill-atturi (ara affidavits taghhom ezibiti) l-azzjoni ta' l-atturi hija ampjament gustifikata (ara kuntratt ezibit a fol 5). Jirrizluta li bejn il-partijiet kien hemm l-inkwiet u ghalhekk l-attur kien talab lill-konvenut biex jaghlaq it-tieqa. L-atti ta' semplici tolleranza ma jistghux iservu ta' fondament ghall-akkwist ta' pussess legittimu (ara Vol XLB p1 p 534). Inoltre issa li mietu l-partijiet japplika l-artikolu 6 tal-kuntratt u t-tieqa ghandha tinghalaq.

Kwantu ghall-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti, f'kazijiet simili, gie deciz diversi drabi mill-Qrati taghna li ma hemmx bzonn ta' tali dikjarazzjoni, "ghaliex id-dikjarazzjonijiet li talvolta jkunu mehtiega biex l-attur jasal ghal xi wahda mid-domandi tieghu ma hemmx bzonn illi jsiru fic-citazzjoni taht forma ta' domandi". Vol XXX111-1-666; Vol XLC p 690. Inoltre fil-formola tac-citazzjoni hemm dejjem “premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni”.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
il-Qorti tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet attrici u
tordna lill-konvenuti sabiex fi zmien hmistax il-gurnata improrogabbili jaghlqu a spejjez taghhom it-tieqa li mill-fond proprjeta’ tal-konvenuti, 128, Triq il-Kbira, Zejtun, taghti ghal fuq il-gardina tal-fond 126, Triq il-Kbira, Zejtun, proprjeta’ tal-atturi, u
Fin-nuqqas li l-konvenuti jonqsu milli jaghlqu l-istess tieqa fiz-zmien hekk prefiss, tawtorizza lill-atturi sabiex jezegwixxu x-xogholijiet mehtiega huma stess a spejjez tal-istess konvenuti, occorrendo bl-assistenza ta’ Perit Arkitett li jigi appuntat minn din l-Onorabbli Qorti fuq talba ta’ l-atturi.
Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------